MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 252/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Keith Galea ta' 25 sena, bin George u Susanna nee` Portelli, imwieled Pieta` nhar l-24 ta' April 1986, u residenti fil-fond nurmu 17, Flat 3, Triq il-Kewba, Bormla, detentur tal-karta tal-identita ` bin-numru 192986M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fis-6 ta' Frar 2012 ghall-habta tan-12.30pm fuq ix-Xaghjra ta' Bormla volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CLR310 tal-marka Opel Astra, liema hsara hija ta' aktar minn 116.57€ (mija u sittax il-Euro u hamsa u sebghin

centezmu) izda mhux aktar minn €1164.69 (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu ) ghad-dannu ta' Josef Zammit.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi sehh u lest ihallas id-danni sofferti mill-parte leza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------